

Ottubru 2016 — Ħarġa 291

# Ħolqa Bejnietna

*Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn*

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



*Il-Kelma tal-Kappillan*

## Nibdew Sena Pastorali ĠDIDA...

**X'inhu l-ġdid fil-ħajja tagħna?**

Il-ġdid dejjem jista' jogħġobna jew jisfidana xi ftit aktar għax jgħinna niġġeddu u nbiddlu r-rutina tas-soltu!

Ejjew bħala parroċċa nagħżlu dak li huwa ġdid, dak li jogħġobna u jisfidana fil-ħajja nisranija tagħna. Il-ġdid ta' Ġesù huwa li nkomplu x-xogħol tiegħu, hu li huwa r-Ragħaj it-Tajjeb tagħna.

Meta niġu biex infasslu l-ħidma tagħna m'għandniex fejn nintilfu għax Ġesù diġa' qalilna fuq xiex għad ikejjel il-ħidma tagħna. Mela la nafu fuq xiex il-Mulej għadd jeżamina l-ħidma tagħna, ejjew inħallu lil Ġesù jgħidilna fejn sejrin tajjeb u fejn sejrin inqas tajjeb.



**Ġesu' jrid li nkunu komunità li titma' lil min hu bil-ġuħ, tisqi lil min hu bil-għatx, tlibbes lil min hu għeri u żżur lil min hu marid jew fil-ħabs.**

Immaġinaw kieku nkunu parroċċa hekk, fil-qrib b'mod konkret ta' kull min hu fit-tbatija, imwarrab u nieqes mill-imħabba! Ma tantx hemm fejn tintilef, il-lista li tana Ġesu' hi diġa' twila mhux ħażin. Xi drabi aħna stess inkunu fost in-nies li neħtieġu lil xi ħadd jaqta' l-għatx tagħna għall-imħabba jew xi ħadd iżurna fin-niket tagħna. Ġesu' japprezza kull ġest ta' mħabba li nies hekk jagħtu u jirċievu.

Nafu x'għandu jiġi l-ewwel fil-Parroċċa tagħna. Ejjew nimpennjaw ruħna li nkunu parroċċa qaddejja, parroċċa bil-bibien miftuħa, li tgħix l-imħabba u hekk turi li Ġesù huwa l-wiċċ tal-ħniena ta' Alla l-Missier.

Kunu mberkin<br>Dun Roderick Camilleri<br>Kappillan



# Nitgħallmu minn xulxin

***Sur Ethelbert Fenech — Surmast tal-Iskola Primarja, Wied il-Għajn***

Reġa' wasal dak iż-żmien tas-sena meta t-tfal isibu l-basket tal-iskola, jimlewh bl-affarijiet li jkollhom bżonn u tarahom ġejjin lejn it-tieni dar tagħhom. Huwa ta' pjaċir għalija li narahom deħlin l-iskola b'wiċċhom daħkan u li jitbissmulek meta jarawk filgħodu tilqagħhom għax jafu li aħna qegħdin hemm biex nagħtuhom l-aħjar. Anke dawk li għal xi raġuni jew oħra jkunu xi ftit imbikkmin, nagħmlu li nisgħu biex wara nofsinhar joħorġu lura kuntenti.

Il-ħidma tagħna fl-edukazzjoni trid tirrifletti kemm fir-riżultati akkademiċi, kif ukoll fl-iżvilupp emozzjonali u soċjali tal-istudenti li jkunu fdati f'idejna. Dan nagħmluh billi nkunu lesti li nilqgħu lil kulħadd bid-differenzi kollha u nsibu mezz kif dawn nistgħu ndawwruhom f'opportunità ta' tagħlim. L-Iskola Primarja ta' Marsaskala hija mibnija fuq id-diversità ta' madwar 730 student li jaħdmu flimkien fi klima ta' rispett u ordni li dejjem nippruvaw noffru aħna bħala edukaturi.

L-għanijiet ta' żvilupp tal-iskola tagħna għas-sena skolastika 2016-17 huma bbażati fuq il-Litteriżmu, l-Assessjar għat-Tagħlim u li nrawwmu aktar responsabbiltà ambjentali sabiex nilħqu b'mod ħolistiku l-iżvilupp tal-istudent. Dan nistgħu nagħmluh bl-għajnuna tal-ġenituri u kuraturi li jieħdu ħsieb lit-tfal: flimkien nistgħu noffru l-aħjar servizz u nilħqu l-miri tagħna.

Nirringrazzja lil kulħadd tal-koperazzjoni.

**Tuition Courses**

**Primary** – Mathematics, Maltese & English

**Secondary** – Form 1 – 5 / 'O' Level (Mathematics, Physics, English, Maltese, Italian, Biology & Chemistry)
Intermediate/Advanced – Pure Maths, Physics, Maltese, Italian & English.

**MCAST** – Maths & Physics

We Offer -
- Graduate and Experianced teachers
- Small Groups
- Four tuition centres : Marsaskala , Kalkara, Ħamrun & Birkirkara.

**TelNos** - 21660812 – 21472561 - 99458791

**PRIVAT**

**M'Skala / Kirkop**

**Pure Maths A/I Level**

**Maths / Physics O-Level**

**TEL : 21641633**

**Mob.: 79796770**



# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Ottubru 2016

Matul dan ix-xahar t'Ottubru iddedikat lill-Madonna, inħeġġu b'mod speċjali sabiex ngħidu t-talba tar-Rużarju kuljum.

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Ottubru | Fis-6:30pm *Seminar* fis-Sala Sant'Anna għall-GĦARAJJES bi tħejjija mill-qrib għaż-Żwieġ għal dawk li ser jiżżewġu bejn Jannar u Ġunju 2017. |
| **2** | **Ottubru** | **Is-27 Ħadd ta' Matul is-Sena. Fid-9.15am Quddiesa bit-tberik tal-basktijiet tal-iskola.** Fl-10.15am Quddiesa u Barka fuq l-Omm u t-Tarbija fil-ġuf tagħha, bl-interċessjoni ta' Sant'Anna. |
| 3 | Ottubru | Tibda d-Duttrina għat-tfal li se jirċievu l-Ewwel Tqarbin. |
| 4 | Ottubru | Fis-7:00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Tfal fis-Sala San Ġwakkin. |
| 5 | Ottubru | Jerġa' jibda l-Mother and Baby Club.<br>Fl-4:00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Kateketika fis-Sala San Ġwakkin. |
| **7** | **Ottubru** | **Festa tal-MADONNA tar-RUŻARJU.<br>Fis-6:30pm Quddiesa l-Knisja Parrokkjali, fis-7:00pm Purċissjoni u fit-8:00pm Quddiesa fil-Villa Apap Bologna.** |
| 8 | Ottubru | Fis-6:00pm Seminar għall-ġenituri u l-parrini tal-Adolexxenti li se jirċievu l-Griżma tal-Isqof. |
| 9 | Ottubru | It-28 Ħadd ta' Matul is-Sena. Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija. Fil-5:30pm Seminar tal-Griżma għall-ġenituri u l-parrini tal-Adolexxenti li se jirċievu l-Griżma tal-Isqof. |
| 10 | Ottubru | Fis-7:00pm jiltaqa' l-Grupp Kariżmatiku fis-Sala San Ġwakkin. |
| 11 | Ottubru | Fis-7:00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Familja fis-Sala San Ġwakkin. |
| 12 | Ottubru | Fid-9:00am jiltaqa' l-Grupp tal-Legion of Mary fis-Sala San Ġwakkin. |
| 12 | Ottubru | Fis-7:00pm jiltaqgħu l-Kumitat tal-Banda Sant'Anna, Armar u Nar fis-Sala San Ġwakkin. |
| 13 | Ottubru | Fis-7:15pm jiltaqgħu il-membri tal-Korijiet Parrokkjali fis-Sala San Ġwakkin. |
| **14** | **Ottubru** | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq tal-Ħamrija.** |
| 15 | Ottubru | Fid-9:15am tiltaqa' l-Kummisjoni Liturġija fis-Sala San Ġwakkin. |
| 16 | Ottubru | Id-29 Ħadd ta' Matul is-Sena. |
| 18 | Ottubru | Fis-7:00pm tiltaqa' l-Kummisjoni Djakonija fis-Sala San Ġwakkin. |
| 19 | Ottubru | Fis-6:30pm Quddiesa fiċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar fil-bidu tas-Sena Kateketika.<br>Fis-7:30pm tiltaqa' l-Kummissjoni Adolexxenti u Żgħażagħ fis-Sala San Ġwakkin. |
| **21** | **Ottubru** | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq in-Nadur.** |
| 23 | Ottubru | It-30 Ħadd ta' Matul is-Sena. |
| 24 | Ottubru | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina wara l-quddiesa tas-6:30pm. |
| **28** | **Ottubru** | **Fl-4:30pm tberik tad-djar fi Triq l-Għassies.** |
| 29 | Ottubru | Fl-4:30pm issir iċ-Ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof. Dakinhar ma jkunx hawn quddiesa fil-5:15pm. Ikun hemm tas-6:30pm u tat-8:00pm. |
| 30 | Ottubru | Il-31 Ħadd ta' Matul is-Sena. Fl-4:00pm issir iċ-Ċelebrazzjoni tal-Griżma tal-Isqof. |

## Quddies fil-Parroċċa ta' Sant'Anna Wied il-Għajn
## Holy Mass at the Parish Church of Marsaskala

**Ħdud u Festi / Sundays and Feast days**

**06:30 – 8:00 – 09:15 – 11:30 – 18:00**

**Mass in English every Sunday at 11:00am**

**at the Chapel of Our Lady of Rosary.**
**Entrance at the end of Saint Anne Street, Marsaskala.**

**Is-Sibt / Saturday**

**07:45 – 17:15 – 18:30 – 20:00**

**Matul il-Ġimgħa / Weekdays**

**07:00 – 07.45 – 18:00 Xitwa (Winter)**
**07:00 – 07.45 – 18:30 Sajf (Summer)**

